



# UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 9 ta' April 2014  
(OR. en)

2011/0229 (COD)

PE-CONS 26/14

AGRILEG 22  
VETER 9  
CODEC 279

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:           REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li  
jemenda r-Regolament (KE) Nru 1760/2000 dwar l-identifikazzjoni elettronika  
tal-annimali bovini u t-tikkettjar taċ-ċanga

**REGOLAMENT (UE) Nru .../2014**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

ta' ...

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1760/2000**  
**dwar l-identifikazzjoni elettronika tal-annimali bovini**  
**u t-tikkettjar taċ-ċanga**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 168(4)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 229, 31.7.2012, p. 144.

<sup>2</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ... .

Billi:

- (1) Fl-1997, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97<sup>1</sup> saħħaħ ir-regoli tal-Unjoni dwar l-identifikazzjoni u t-traċċabilità tal-annimali bovini fid-dawl tal-epidemija tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) u l-bżonn li minħabba f'hekk kiber biex jiġu rintraċċati l-oriġini u l-movimenti ta' annimali bl-użu ta' tikketti konvenzjonali mal-widnejn.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> jistipula li kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali bovini skont dak ir-Regolament.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali bovini li tinkludi t-tikketti mal-widnejn applikati fuq il-widnejn ta' kull animal, bażijiet ta' data kompjuterizzati, passaporti tal-annimali u reġistri individwali miżmuma f'kull stabbiliment.
- (4) It-traċċar tal-laħam taċ-ċanga lura sas-sors permezz ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni huwa prerekwiżit għat-tikkettjar tal-oriġini tul il-katina alimentari kollha. Dawk il-miżuri jiżguraw il-protezzjoni tal-konsumatur u s-saħħa pubblika u jippromwovu l-fiduċja tal-konsumatur.

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 tal-21 ta' April 1997 li jstabilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga (ĠU L 117, 7.5.1997, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jstabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 u, b'mod aktar speċifiku, is-sistemi ta' identifikazzjoni bovina u ttikkettjar volontarju tal-laħam taċ-ċanga ġew elenkati bħala obbligi ta' informazzjoni b'importanza speċjali f'termini tal-piżijiet li jġibu magħhom fuq in-negozji fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2009 bl-isem "Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-UE – Il-Pjanijiet għat-Tnaqqis Settorjali u l-Azzjonijiet tal-2009".
- (6) L-użu ta' sistemi elettroniċi ta' identifikazzjoni ('EID') għandu l-potenzjal li jissemplifika l-proċessi tat-traċċabilità permezz ta' qari u regjistrazzjoni awtomatizzati u aktar preċiżi fir-reġistru tal-istabbiliment. Barra minn hekk, dan jippermetti rappurtar awtomatizzat tal-movimenti tal-annimali fil-bażi ta' data kompjuterizzata, u b'hekk ikun hemm titjib fil-veloċità, l-affidabilità u l-preċiżjoni tas-sistema ta' traċċabilità. L-użu ta' sistemi ta' EID itejjeb ukoll il-ġestjoni ta' ċerti pagamenti diretti lill-bdiewa.
- (7) Is-sistemi ta' EID bbażati fuq l-identifikazzjoni bil-frekwenzi tar-radju għamlu avvanzi konsiderevoli matul l-aħħar għaxar snin. Dik it-teknoloġija tippermetti qari aktar veloċi u aktar preċiż ta' kodiċijiet tal-identità tal-annimali individwali direttament għal ġo sistemi għall-ipproċessar tad-data. Dan jirriżulta fi tnaqqis fil-ħin meħtieġ biex jiġu rintraċċati annimali jew ikel potenzjalment infettati, iwassal għal titjib fl-affidabilità ta' bażijiet ta' data u żieda fil-kapaċità ta' reazzjoni fil-pront f'każ li jfaqqa' l-mard, u jiffranka l-ispejjeż tax-xogħol ukoll jekk jinvolvi żieda fl-ispejjeż tat-tagħmir.
- (8) Dan ir-Regolament huwa koerenti mal-fatt li s-sistemi tal-EID diġà ġew introdotti fl-Unjoni għal speċijiet ta' annimali li mhumiex bovini, bħas-sistema obbligatorja użata f'annimali ovini u mogħżin.

- (9) Minħabba l-avvanzi teknoloġiċi fis-sistemi EID, bosta Stati Membri ddeċidew li jibdew jimplimentaw l-EID bovina fuq bażi volontarja. Huwa possibbli li daww l-inizjattivi jwasslu għall-iżvilupp ta' sistemi differenti fl-Istati Membri individwali u minn partijiet interessati differenti. L-iżvilupp ta' sistemi diverġenti jimpedixxi l-armonizzazzjoni sussegwenti tal-istandards tekniċi fi ħdan l-Unjoni. Għandhom jiġu żgurati kemm l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' EID tal-Istati Membri, kif ukoll il-konsistenza tagħhom mal-istandards rilevanti tal-ISO jew ma' standards tekniċi internazzjonali oħra adottati minn organizzazzjonijiet internazzjonali rikonoxxuti li jistabbilixxu l-istandards, bl-intendiment li daww l-istandards internazzjonali jkunu kapaċi jiggwarantixxu, għall-inqas, livell ta' prestazzjoni oġġla minn dak tal-istandards tal-ISO.
- (10) Ir-Rapport mill-Kummissjoni tal-25 ta' Jannar 2005 dwar il-possibbiltà tal-introduzzjoni ta' EID għall-annimali bovini ikkonkluda li kien intwera li l-identifikazzjoni bil-frekwenzi tar-radju kienet għet żviluppata sal-punt li diġa tista' tiġi applikata fil-prattika. Dak ir-rapport ikkonkluda wkoll illi huwa ferm opportun li s-sistema tinqaleb għall-EID tal-annimali bovini fi ħdan l-Unjoni peress li, fost benefiċċji oħra, dan jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv.
- (11) Skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Settembru 2008 intitolata "Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa tal-Annimali", il-Kummissjoni għandha tissemplifika l-obbligi ta' informazzjoni, bħal reġistri tal-istabbilimenti u passaporti tal-annimali matul l-introduzzjoni tas-sistemi EID.

- (12) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-19 ta' Settembru 2007 intitolata "Strateġija ġdida tas-Saħħa tal-Annimali għall-Unjoni Ewropea (2007-2013) fejn "Il-prevenzjoni hija aqwa mill-kura", tipproponi li titqies l-EID għall-annimali bovini bħala titjib possibbli għas-sistema eżistenti tal-Unjoni ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni sabiex jiġu ssemplifikati l-obbligi ta' informazzjoni, bħal reġistri tal-istabbilimenti u passaporti tal-annimali, u tissuġġerixxi l-implimentazzjoni ta' skambju ta' passaporti bovini elettroniċi. Dak l-iskambju jkun jinvolvi l-introduzzjoni tal-EID bi dħul tad-data f'ħin reali. Skambju bħal dan iwassal għal iffrankar konsiderevoli f'termini ta' spejjeż u sforzi għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u partijiet interessati oħra u jnaqqas l-ammont tax-xogħol fit-trasferiment tad-data tal-passaporti tal-annimali fil-bażijiet ta' data kompjuterizzati. Dan ir-Regolament huwa konsistenti ma' dik l-inizjattiva.
- (13) Dan ir-Regolament huwa għalhekk mistenni li jikkontribwixxi għal xi wħud mill-objettivi ewlenin tal-istrateġiji maġġuri tal-Unjoni inkluża l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv billi jtejjeb it-tkabbir ekonomiku, il-koeżjoni u l-kompetittività.
- (14) Ċerti pajjiżi terzi diġà stabbilixxew regoli li jippermettu teknoloġiji avvanzati tal-EID. L-Unjoni għandha tistabbilixxi regoli simili biex jiġi ffaċilitat in-negozju u tiżdied il-kompetittività tas-settur.

- (15) Fid-dawl tal-iżvilupp teknoloġiku ta' tipi ġodda ta' identifikaturi elettroniċi, huwa xieraq li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-mezzi ta' identifikazzjoni stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 sabiex jippermetti l-użu ta' identifikaturi elettroniċi bħala mezz uffiċjali ta' identifikazzjoni. Peress li l-introduzzjoni tad-dispożizzjonijiet korrispondenti timplika investment konsiderevoli, huwa neċessarju li jkun previst perjodu tranżitorju ta' ħames snin biex l-Istati Membri jkollhom biżżejjed ħin għat-tnejn. Matul dak il-perjodu tranżitorju tikketti konvenzjonali mal-widnejn ser jibqgħu l-uniku mezz ta' identifikazzjoni għal annimali bovini.
- (16) Ir-rekwiżit li l-EID issir obligatorja madwar l-Unjoni kollha jista' jħalli effetti ekonomikament ħżiena fuq ċerti operaturi. Huwa għalhekk xieraq li, ladarba l-EID issir mezz uffiċjali ta' identifikazzjoni, l-użu tagħha mill-indoktraturi tkun fuq bażi volontarja. Taħt tali sistema volontarja, l-EID tintgħażel minn indoktraturi li x'aktarx jibbenefikaw ekonomikament minnha, filwaqt li għandu jkun possibbli li indoktraturi oħra jibqgħu jidentifikaw l-annimali tagħhom b'żewġ tikketti mal-widnejn konvenzjonali.
- (17) L-Istati Membri għandhom sistemi tat-trobbija, tal-prattiki tal-biedja u tal-organizzazzjonijiet tas-settur differenti ħafna. L-Istati Membri għandhom għalhekk jitħallew jagħmlu l-EID obligatorja fit-territorju tagħhom biss meta jidhrilhom li jkun xieraq, wara li jikkunsidraw dawk il-fatturi kollha, fosthom l-impatti fuq il-bdiewa ż-żgħar, u wara konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-industrija tal-bhejjem. Matul movimenti kummerċjali tal-annimali intra-Unjoni l-obbligu li annimal bovin jiġi identifikat b'mod elettroniku għandu jkun f'idejn l-Istat Membru li jkun għamel l-użu tal-EID obligatorju fit-territorju tiegħu. Dan m'għandux jimplika li dak l-Istat Membru huwa obligat li jerġa' jidentifika l-annimali li diġà ġew identifikati b'mod elettroniku fl-Istat Membru minn fejn intbagħtu.

- (18) L-annimali u l-laħam li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi għandhom ikunu suġġetti għar-rekwiżiti ta' identifikazzjoni u traċċabilità li jipprovdu livell ekwivalenti ta' protezzjoni.
- (19) Meta annimali ħajjin jiġu impurtati fl-Unjoni minn pajjiżi terzi, huma għandhom ikunu soġġetti, mal-wasla, għall-istess rekwiżiti ta' identifikazzjoni li japplikaw għal annimali li twieldu fl-Unjoni.
- (20) Iż-żewġ mezzi uffiċjali ta' identifikazzjoni allokat għal animal wieħed għandu jkollhom l-istess kodiċi ta' identifikazzjoni. Madankollu, matul l-ewwel fażi ta' aġġustament għall-użu ta' identifikaturi elettroniċi bħala mezz uffiċjali ta' identifikazzjoni, ma jistax jiġi eskluż li, f'ċerti każijiet, limitazzjonijiet tekniċi marbuta mal-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni oriġinali tal-annimal jistgħu jipprevjenu r-riproduzzjoni ta' dak il-kodiċi fuq identifikatur elettroniku. Dan jiġri meta l-karattri li jiffurmaw il-kodiċi ta' identifikazzjoni eżistenti ta' animal iżommu dak il-kodiċi milli jiġi konvertit f'format elettroniku. Għalhekk, għandhom jiġu previsti derogi tranżitorji speċjali li jippermettu l-applikazzjoni ta' identifikatur elettroniku wkoll għal dawg l-annimali, sakemm dik it-traċċabilità sħiħa tiġi żgurata u l-annimali ikunu jistgħu jiġu individwati individwalment, inkluż l-istabbiliment fejn ikunu twieldu.

- (21) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 jipprevedi li l-awtorità kompetenti għandha toħroġ passaport għal kull animal li jrid jiġi identifikat skont dak ir-Regolament. Dan jikkawża piż amministrattiv konsiderevoli għall-Istati Membri. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom obbligu li jstabbilixxu bażi ta' data kkompjuterizzata skont l-Artikoli 14 u 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE<sup>1</sup>. Peress li dawk il-bażijiet ta' data kellhom ikunu operattivi bis-sħiħ sa mill-31 ta' Diċembru 1999, huma għandhom jiżguraw suffiċjentement it-traċċabilità tal-movimenti domestiċi tal-annimali bovini. Il-passaporti għandhom għalhekk jinħarġu biss għal annimali maħsuba għall-kummerċ intra-Unjoni. Madankollu, dan ir-Regolament m'għandux jipprekludi dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-ħruġ ta' passaporti għal annimali li ma jkunux maħsuba għall-kummerċ intra-Unjoni.
- (22) BOVEX, il-proġett pilota għall-iskambju ta' passaporti bovini bejn l-Istati Membru ġie stabbilit mill-Kummissjoni sabiex jiffaċilita l-iskambju tad-data bejn l-Istati Membri, filwaqt li fl-istess ħin jiżgura t-traċċabilità tal-annimali matul il-movimenti intra-Unjoni tagħhom. Ladarba l-iskambju tad-data bejn il-bażijiet ta' data kkompjuterizzati nazzjonali jkun operattiv bis-sħiħ, ir-rekwiżit tal-ħruġ ta' dawn il-passaporti tal-annimali f'forma stampata ma għandux jibqa' japplika għal annimali maħsuba għall-kummerċ intra-Unjoni. Dan għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv tal-Istati Membri u ta' operaturi ekonomiċi.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini fil-Komunità (ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64):

- (23) It-Taqsima II tat- Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tistabbilixxi r-regoli għal sistema volontarja ta' tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga li jistipulaw l-approvazzjoni ta' ċerti speċifikazzjonijiet tat-tikkettjar mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. Il-piż amministrattiv merfugħ u l-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri u minn operatori ekonomiċi biex japplikaw dik is-sistema mhumiex proporzjonati għall-benefiċċji tas-sistema. Peress li daħlet fis-seħħ leġislazzjoni ġdida wara l-adozzjoni ta' dak ir-Regolament, regoli speċifiċi dwar is-sistema ta' tikkettjar volontarju saru superfluwi u għalhekk għandhom jiħassru. Madankollu, d-dritt tal-operaturi li jinfurmaw lill-konsumaturi permezz ta' tikkettjar volontarju dwar il-karatteristiċi tal-laħam u d-dritt tal-konsumaturi li jirċievu informazzjoni verifikabbli ma għandhomx jiġu kompromessi. Konsegwentement, bħal kwalunkwe tip ieħor ta' laħam, l-informazzjoni dwar l-ikel li tirrigwarda laħam taċ-ċanga li tmur lil hinn mit-tikkettjar mandatorju għandha tirrispetta l-leġislazzjoni orizzontali attwali, inkluż ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.
- (24) Sabiex jipprevjenu r-riskji ta' frodi fit-tikkettjar tal-laħam u biex jiproteġu lill-konsumaturi Ewropej, il-kontrolli u l-penalitajiet applikabbli għandu jkollhom effett dissważiv suffiċjenti.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

- (25) Skont ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011, il-Kummissjoni ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-indikazzjoni mandatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew il-post ta' provenjenza tal-laħam użat bħala ingredjent. Dak ir-rapport kellu jkun akkumpanjat minn proposta leġislattiva, jekk ikun xieraq, sabiex tiġi żgurata aktar trasparenza fil-katina tal-laħam kollha u sabiex il-konsumaturi Ewropej ikunu informati aħjar. B'kunsiderazzjoni tal-problemi riċenti fir-rigward tat-tikkettjar ta' prodotti tal-laħam li affettwaw il-funzjonament tal-katina tal-ikel, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ipprevedew li r-rapport jiġi adottat malajr kemm jista' jkun matul it-tieni simestru tal-2013 u ġie finalment adottat fis-17 ta' Diċembru 2013.
- (26) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, is-setgħat konferiti bir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 fuq il-Kummissjoni jeħtiġilhom ikunu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(27) Sabiex jiġi żgurati li r-regoli meħtieġa għat-tħaddim sew tal-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u t-traċċabilità tal-annimali bovini u tal-laħam taċ-ċanga jkunu applikati, is-setgħa għall-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rekwiżiti għal mezzi alternattivi ta' identifikazzjoni tal-annimali bovini; iċ-ċirkostanzi speċjali li fihom l-Istati Membri għandhom jkunu jistgħu jestendu l-perjodi massimi għall-applikazzjoni tal-mezzi ta' identifikazzjoni; d-data li trid tiġi skambjata bejn il-bażijiet ta' data kompjuterizzati tal-Istati Membri; l-perjodu massimu għal ċerti obbligi ta' rappurtar; ir-rekwiżiti għal mezzi ta' identifikazzjoni; iż-żieda tal-mezzi ta' identifikazzjoni mal-lista stipulata fl-Anness ir-regoli li jikkonċernaw l-informazzjoni mill-bażi tad-data kompjuterizzata li għandha tkun inkluża fil-passaporti tal-annimali u fir-reġistri individwali li jridu jinżammu fuq kull stabbiliment; l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' movimenti ta' annimali bovini meta jinħarġu għar-ragħa staġġjonali inkluża t-transumanza; ir-regoli għat-tikkettjar ta' ċerti prodotti li għandhom ikunu ekwivalenti għar-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000; id-dispożizzjonijiet tat-tikkettjar relatati mal-preżentazzjoni ssemplifikata tal-indikazzjoni tal-oriġini għall-każijiet ta' waqfa qasira ħafna tal-annimal fl-Istat Membru jew fil-pajjiż terz tat-twelid jew tal-qtil; u d-definizzjonijiet u r-rekwiżiti applikabbli għat-termeni jew il-kategoriji tat-termeni li jistgħu jiqiegħdu fuq it-tikketti tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella frisk u ffriżat ippakkjat minn qabel. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal tali atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

- (28) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-istabbilimenti li jagħmlu użu minn mezzi alternattivi ta' identifikazzjoni: karatteristiċi tekniċi u arranġamenti dettaljati għall-iskambju tad-data bejn il-bażijiet ta' data kompjuterizzati tal-Istati Membri: ir-rikonossiment tal-operabilità sħiħa tas-sistemi tal-iskambju tad-data; il-format u d-disinn tal-mezzi ta' identifikazzjoni; il-proċeduri u l-istandards tekniċi għall-implimentazzjoni tal-EID: ir-regoli dwar il-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni, id-daqs massimu u l-kompożizzjoni ta' ċerti gruppi ta' annimali, il-Kummissjoni għandha tiġi konferita bis-setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.
- (29) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiġi mmonitorjata. Konsegwentement, sa mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-tikkettjar volontarju tal-laħam taċ-ċanga, u disa' snin, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-EID, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill żewġ rapporti li jittrattaw kemm l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll il-fattibilità teknika u ekonomika tal-introduzzjoni ta' EID obligatorja madwar l-Unjoni kollha. Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat, jekk ikun neċessarju, minn proposti leġiżlattivi xierqa.
- (30) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

## *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1, it-tieni sentenza tal-paragrafu 2 titħassar;
- (2) Fl-Artikolu 2, l-ewwel inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"- 'annimal' tfisser annimal bovin skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2), punti (b) u (c) tad-Direttiva 64/432/KEE, inklużi annimali li jieħdu sehem f'avvenimenti kulturali u sportivi;"

- (3) Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) il-mezzi ta' identifikazzjoni biex jiġu identifikati l-annimali individwalment;"

- (4) L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

### *"Artikolu 4*

#### *Obbligu ta' identifikazzjoni tal-annimali*

1. L-annimali kollha fi stabbiliment għandhom jiġu identifikati b'tal-inqas żewġ mezzi ta' identifikazzjoni elenkati fl-Anness -I u konformi mar-regoli adottati skont il-paragrafu 3 u approvati mill-awtorità kompetenti. Tal-anqas wieħed mill-mezzi ta' identifikazzjoni għandu jkun viżibbli u jkollu kodiċi ta' identifikazzjoni viżibbli.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għall-annimali li jkunu twieldu qabel l-1 ta' Jannar 1998 u li mhumiex intenzjonati għall-kummerċ intra-Unjoni. Dawk l-annimali għandhom ikunu identifikati b'tal-anqas mezz wieħed ta' identifikazzjoni.

Sabiex tiżgura l-adattament għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22b dwar iż-żieda ta' mezzi ta' identifikazzjoni mal-lista stipulata fl-Anness -I, filwaqt li tiżgura l-interoperabilità tagħhom.

Il-mezzi ta' identifikazzjoni għandhom ikunu allokatil lill-istabbiliment, distribwiti u applikati fuq l-annimali b'mod determinat mill-awtorità kompetenti.

Iż-żewġ mezzi ta' identifikazzjoni awtorizzati skont l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 3 u dan il-paragrafu u li huma applikati għal annimal wieħed, għandu jkollhom l-istess kodiċi ta' identifikazzjoni uniku, li, flimkien mar-reġistrazzjoni tal-annimali, jagħmilha possibbli illi kull annimal ikun identifikat individwalment u l-istabbiliment fejn twieled.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, fil-każ li l-karattri li jiffurmaw il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimal ma jippermettux l-applikazzjoni ta' identifikatur elettroniku mal-istess kodiċi ta' identifikazzjoni uniku, l-Istat Membru kkonċernat jista' jippermetti li, taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti tiegħu, it-tieni mezz ta' identifikazzjoni jista' jkollu kodiċi differenti, sakemm kull waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tiġi ssodisfata:
  - (a) l-annimal jitwieled qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-punt (c) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3;

- (b) tkun żgurata t-traċċabilità sħiħa;
  - (c) tkun possibbli l-identifikazzjoni individwali tal-animall, inkluż l-istabbiliment fejn twieled;
  - (d) l-animall mhuwiex maħsub għall-kummerċ intra-Unjoni.
3. Sabiex tiżgura traċċabilità u adattabilità għall-progress tekniku u l-funzjonament ottimali tas-sistema ta' identifikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22b dwar ir-rekwiżiti għall-mezzi ta' identifikazzjoni stipulati fl-Anness -I, u l-miżuri tranżitorji meħtieġa għall-introduzzjoni ta' mezz partikolari ta' identifikazzjoni.

Abbażi tal-istandards rilevanti tal-ISO jew standards tekniċi internazzjonali oħra adottati minn organizzazzjonijiet internazzjonali rikonoxxuti li jistabbilixxu l-istandards, bil-fehim li dawk l-istandards internazzjonali jkunu kapaċi jiggwarantixxu, għall-inqas, livell ta' prestazzjoni u affidabilità li jkun oġġla minn dak tal-istandards tal-ISO, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli neċessarji dwar:

- (a) il-format u d-disinn tal-mezzi ta' identifikazzjoni;
- (b) il-proċeduri tekniċi għall-identifikazzjoni elettronika ta' annimali bovini; u
- (c) il-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

4. Minn ...<sup>+</sup>, l-Istati Membri għandu jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ l-infrastruttura neċessarja sabiex tipprovi għall-identifikazzjoni tal-annimali abbażi ta' identifikatur elettroniku bħala mezz uffiċjali ta' identifikazzjoni skont dan ir-Regolament.

Minn ...<sup>+</sup>, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali li jagħmlu l-użu ta' identifikatur elettroniku obligatorju bħala wieħed miż-żewġ mezz ta' identifikazzjoni stipulati fil-paragrafu 1.

L-Istati Membri li jużaw il-possibilità stipulata fit-tieni subparagrafu għandhom jipprovdut t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali lill-Kummissjoni u jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli fuq l-internet. Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri biex jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli lill-pubbliku billi tipprovi, fis-sit elettroniku tagħha, l-links għas-siti elettroniċi rilevanti tal-Istati Membri.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-annimali bovini maħsuba għal avvenimenti kulturali u sportivi, ħliet fieri u eżibizzjonijiet, jistgħu jiġu identifikati b'mezzi alternattivi ta' identifikazzjoni li joffru standards ta' identifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fil-paragrafu 1.

L-istabbilimenti li jużaw mezz alternattivi ta' identifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu rreġistrati fil-bażi ta' data kompjuterizzata stipulata fl-Artikolu 5.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament (ir-Regolament ta' emenda).

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula r-regoli neċessarji li jikkonċernaw dik ir-reġistrazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 23(2).

Sabiex tiżgura traċċabilità abbażi tal-istandards ta' identifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 22b li jikkonċernaw ir-rekwiżiti għal mezzi alternattivi ta' identifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, inklużi l-miżuri tranżitorji meħtieġa għall-introduzzjoni tagħhom."

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi r-regoli dwar il-format u d-disinn tal-mezzi alternattivi ta' identifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, inklużi l-miżuri tranżitorji meħtieġa għall-introduzzjoni tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

6. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lil xulxin u lill-Kummissjoni, mudell tal-mezz ta' identifikazzjoni użat fit-territorju tagħhom. Huma għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli fuq l-Internet. Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri biex jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli lill-pubbliku billi ttipprova, fuq is-sit elettroniku tagħha l-links għas-siti elettroniċi rilevanti tal-Istati Membri.";

(5) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*"Artikolu 4a*

*Perjodu taż-żmien għall-applikazzjoni tal-mezzi ta' identifikazzjoni*

1. Il-mezzi ta' identifikazzjoni stipulati fl-Artikolu 4(1) għandhom jiġu applikati lill-annimal qabel l-iskadenza ta' perjodu massimu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru fejn twieled l-annimal. Il-perjodu massimu għandu jiġi kkalkulat mid-data tat-twelid tal-annimal u m'għandux jisboq l-20 jum.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għal raġunijiet relatati mal-iżvilupp fiżjoloġiku tal-annimali, dak il-perjodu jista', għat-tieni mezz ta' identifikazzjoni, jiġi estiż sa massimu ta' 60 jum wara t-twelid tal-annimal. L-ebda annimal ma jista' jħalli l-istabbiliment fejn ikun twieled qabel ma ż-żewġ mezzi ta' identifikazzjoni jkunu ġew applikati għal dak l-annimal.

2. Sabiex tippermetti l-applikazzjoni tal-mezzi ta' identifikazzjoni f'ċirkostanzi speċjali li jinvolvu diffikultajiet prattiċi, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 22b biex tiddetermina ċ-ċirkostanzi speċjali li taħthom l-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodi massimi għall-applikazzjoni ta' mezz ta' identifikazzjoni kif stipulat fl-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'kull użu ta' dik il-possibilità.

*Artikolu 4b*

*Identifikazzjoni tal-annimali minn pajjiżi terzi*

1. Kull annimal suġġett għall-kontrolli veterinarji, skont id-Direttiva 91/496/KEE, li jidħol fl-Unjoni minn pajjiż terz u maħsub għal stabbiliment ta' destinazzjoni fit-territorju tal-Unjoni, għandu jiġi identifikat fl-istabbiliment ta' destinazzjoni bil-mezzi ta' identifikazzjoni stipulati fl-Artikolu 4(1).

L-identifikazzjoni oriġinali applikata għall-annimal fil-pajjiż terz ta' oriġini għandha tiġi rreġistrata fil-bażi ta' data kompjuterizzata stipulata fl-Artikolu 5 flimkien ma' kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-mezz ta' identifikazzjoni allokat lill-annimal mill-Istat Membru ta' destinazzjoni.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal annimali destinati direttament għal biċċerija li tinsab fi Stat Membru, sakemm l-annimali jinqatlu fi żmien 20 jum wara dawk il-kontrolli veterinarji skont id-Direttiva 91/496/KEE.

2. Il-mezzi ta' identifikazzjoni tal-annimali msemmija fl-Artikolu 4(1) għandhom jiġu applikati f'perjodu massimu li jrid jiġi ddeterminat mill-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment ta' destinazzjoni. Dak il-perjodu ma għandux jaqbeż l-20 jum minn wara l-kontrolli veterinarji msemmija fil-paragrafu 1.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għal raġunijiet relatati mal-iżvilupp fiżjoloġiku tal-annimali, dak il-perjodu jista', għat-tieni mezz ta' identifikazzjoni, jiġi estiż sa massimu ta' 60 jum wara t-twelid tal-annimal.

Fil-każijiet kollha, iż-żewġ mezzi ta' identifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) għandhom jiġu applikati lill-annimali qabel ma jtilqu mill-istabbiliment tad-destinazzjoni.

3. Meta l-istabbiliment ta' destinazzjoni jkun jinsab fi Stat Membru li jkun introduċa d-dispożizzjonijiet nazzjonali taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) li jagħmlu l-użu ta' identifikatur elettroniku obligatorju, l-annimali għandhom ikunu identifikati b'dak l-identifikatur elettroniku fl-istabbiliment tad-destinazzjoni fl-Unjoni, f'perjodu li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru tad-destinazzjoni.

Dak il-perjodu ma għandux jaqbeż l-20 jum minn wara l-kontrolli veterinarji msemmija fil-paragrafu 1.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għal raġunijiet relatati mal-iżvilupp fiżjoloġiku tal-annimali, dak il-perjodu jista', għat-tieni mezz ta' identifikazzjoni, jiġi estiż sa massimu ta' 60 jum wara t-twelid tal-annimal.

Fil-każijiet kollha, l-identifikatur elettroniku għandu jiġi applikat lill-annimali qabel ma jtilqu mill-istabbiliment tad-destinazzjoni.

#### *Artikolu 4c*

##### *L-identifikazzjoni tal-annimali li jittieħdu minn Stat Membru għal ieħor*

1. Annimali li jittieħdu minn Stat Membru għal ieħor għandhom iżommu l-mezzi oriġinali ta' identifikazzjoni applikati lilhom skont l-Artikolu 4(1).

Madankollu, b'deroga mill-ewwel subparagrafu, minn ...<sup>+</sup>, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni tista',, tippermetti:

- (a) is-sostituzzjoni ta' wieħed mill-mezzi ta' identifikazzjoni permezz ta' identifikatur elettroniku mingħajr ma tibdel il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku oriġinali tal-annimal;
  - (b) Is-sostituzzjoni taż-żewġ mezzi ta' identifikazzjoni minn żewġ mezzi ta' identifikazzjoni li t-tnejn għandu jkollhom l-istess kodiċi ta' identifikazzjoni uniku ġdid. Din id-deroga tista' tiġi applikata sa ħames snin wara ...<sup>+</sup>, fejn il-karattri li jiffurmaw il-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' tikketta konvenzjonali mal-widnejn ta' annimal ma jippermettux l-applikazzjoni ta' identifikatur elettroniku bl-istess kodiċi ta' identifikazzjoni uniku, u sakemm dak l-annimal ikun twieled qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-punt (c) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3).
2. Meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun jinsab fi Stat Membru li jkun introduċa dispożizzjonijiet nazzjonali li jagħmlu l-użu ta' identifikatur elettroniku obligatorju, l-annimali għandhom jiġu identifikati b'dak l-identifikatur elettroniku l-aktar tard fl-istabbiliment tad-destinazzjoni f'perjodu massimu li jrid jiġi ddeterminat mill-Istat Membru fejn ikun jinsab dak l-istabbiliment ta' destinazzjoni.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' emenda.

Dak il-perjodu massimu m'għandux jaqbeż l-20 jum mid-data tal-wasla tal-annimali fl-istabbiliment tad-destinazzjoni.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għal raġunijiet relatati mal-iżvilupp fiżjoloġiku tal-annimali, dak il-perjodu jista', għat-tieni mezz ta' identifikazzjoni, jiġi estiż sa massimu ta' 60 jum wara t-twelid tal-annimal.

Fil-każijiet kollha, l-identifikatur elettroniku għandu jiġi applikat lill-annimali qabel ma jitilqu mill-istabbiliment tad-destinazzjoni.

Madankollu, l-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-annimali destinati direttament għal biċċerija li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru li daħħal dispożizzjonijiet nazzjonali li jagħmlu l-użu ta' identifikatur elettroniku obligatorju.

#### *Artikolu 4d*

##### *It-tneħħija, il-modifika jew is-sostituzzjoni tal-mezz ta' identifikazzjoni*

L-ebda mezz ta' identifikazzjoni ma jista' jitneħħa, jiġi modifikat jew sostitwit mingħajr il-permess tal-awtorità kompetenti. Dan il-permess jista' jingħata biss meta t-tneħħija, il-modifika jew is-sostituzzjoni ma jkunux jikkompromettu t-traċċabilità tal-annimal u meta tkun possibbli l-identifikazzjoni individwali tiegħu, inkluż l-istabbiliment fejn ikun twieled.

Kull sostituzzjoni ta' kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jiġi rreġistrat f'bażi tad-data kompjuterizzata stipulata fl-Artikolu 5, flimkien mal-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku tal-mezz oriġinali ta' identifikazzjoni tal-annimal.";

(6) L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 5*

L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri għandha tistabbilixxi bażi ta' data kkompjuterizzata skont l-Artikoli 14 u 18 tad-Direttiva 64/432/KEE.

L-Istati Membri jistgħu jiskambjaw data elettronika bejn il-bażijiet ta' data kompjuterizzati tagħhom mid-data li fiha l-Kummissjoni tirrikonoxxi l-operabilità sħiħa tas-sistema tal-iskambju tad-data. L-iskambju għandu jsir b'tali mod li l-protezzjoni tad-data tkun iggarantita u għandu jiġi evitat kull abbuż sabiex jiġu protetti l-interessi tal-indokatur.

Sabiex tiżgura l-iskambju tal-informazzjoni elettronika bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ddelegati bi qbil mal-Artikolu 22b biex jiġu stabbiliti r-regoli dwar id-data li trid tkun skambjata bejn il-bażijiet ta' data kompjuterizzati tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tistipula l-kundizzjonijiet tekniċi u l-modalitajiet għal dan l-iskambju u tirrikonoxxi l-operabilità sħiħa tas-sistema ta' skambju tad-data. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).";

(7) L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 6*

1. Fejn Stat Membru ma jiskambjax data elettronika mal-Istati Membri l-oħra, fil-qafas tas-sistema tal-iskambju elettroniku msemmija fl-Artikolu 5, japplika dan li ġej:
  - (a) l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha, għal kull annimal li huwa maħsub għall-kummerċ intra-Unjoni, toħroġ passaport ibbażat fuq l-informazzjoni miżmuma fil-bażi ta' data kompjuterizzata stabbilita f'dak l-Istat Membru;
  - (b) kull annimal li jinħariġlu passaport għandu jkun akkumpanjat minn dak il-passaport kull meta l-annimal jittieħed minn Stat Membru għal ieħor;
  - (c) mal-wasla tal-annimal fl-istabbiliment tad-destinazzjoni, il-passaport li jakkumpanja l-annimal għandu jingħata lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment tad-destinazzjoni.
2. Sabiex tippermetti t-traċċar tal-movimenti tal-annimali lura għall-istabbiliment ta' orijini li jinsab fi Stat Membru, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22b biex tistabbilixxi regoli li jikkonċernaw l-informazzjoni mill-bażi tad-data kompjuterizzata li għandha tiġi inkluża fil-passaport tal-annimali, fosthom il-miżuri tranżitorji meħtieġa għall-introduzzjoni tagħhom.";

(8) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 6a*

Dan ir-Regolament m'għandux jipprevjeni dispożizzjonijiet nazzjonali minn Stat Membru dwar il-ħruġ ta' passaporti għal annimali li ma jkunux maħsuba għall-kummerè intra-Unjoni.";

(9) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) it-tieni inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"– jirrapporta lill-awtorità kompetenti l-movimenti kollha lejn u mill-istabbiliment u t-twelid u l-imwiet kollha tal-annimali tal-istabbiliment, flimkien mad-dati ta' dawn l-avvenimenti, f'perjodu massimu ffissat mill-Istat Membru kkonċernat; dak il-perjodu massimu għandu jkun ta' mill-inqas tlett ijiem u ma jisboqx sebat ijiem wara li sseħħ waħda minn dawk il-ġrajjet; l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex jestendu l-perjodu massimu ta' sebat ijiem.";

(ii) jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Sabiex tqis id-diffikultajiet prattiċi f'każijiet eċċezzjonali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati bi qbil mal-Artikolu 22b biex tiddetermina ċ-ċirkostanzi li fihom l-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodu massimu ta' sebat ijiem stipulat fit-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu, flimkien mat-tul massimu ta' dik l-estensjoni, li m'għandhiex taqbeż l-14-il jum wara l-perjodu ta' sebat ijiem imsemmi fit-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu.";

(b) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Sabiex tiżgura t-traċċabilità adegwata u effettiva tal-annimali bovini meta jinħarġu għar-ragħi staġjonali, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22b dwar l-Istati Membri jew parti tal-Istati Membri fejn għandhom japplikaw regoli speċjali għar-ragħi staġjonali, inklużi l-perjodu ta' żmien, l-obbligi speċifiċi tal-indoktraturi, u r-regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-istabbiliment u r-reġistrazzjoni tal-movimenti ta' dawn l-annimali bovini, inklużi l-miżuri tranżitorji għall-introduzzjoni tagħhom.";

(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"5. B'deroga mill-paragrafu 4, iż-żamma ta' reġistru għandha tkun fakultattiva għal kull indokatur li:

(a) għandu aċċess għall-bażi ta' data kompjuterizzata stipulata fl-Artikolu 5 li diġà fiha l-informazzjoni li għandha tkun inklużi fir-reġistru; kif ukoll

(b) jdaħħal l-informazzjoni aġġornata, jew jara li tiddaħħal, direttament fil-bażi ta' data kompjuterizzata stipulata fl-Artikolu 5.

6. Sabiex tiżgura l-eżattezza u l-affidabbiltà tal-informazzjoni li għandha tkun inklużi fir-reġistru tal-istabbiliment stipulat f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22b sabiex tistabbilixxi r-regoli neċessarji dwar dik l-informazzjoni, inklużi l-miżuri nazzjonali meħtieġa għall-introduzzjoni tagħhom.";

(10) L-Artikolu 8 jitħassar;

(11) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 9a*

*Taħriġ*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull persuna responsabbli għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali tkun irċeviet istruzzjonijiet u gwida dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament u ta' kwalunkwe atti ddelegati u ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

Kull meta d-dispożizzjonijiet rilevanti jiġu emendati, l-informazzjoni korrispondenti għandha ssir disponibbli għall-persuna msemmija fl-ewwel subparagrafu.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu disponibbli korsijiet xierqa ta' taħriġ.

Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki sabiex ittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni u t-taħriġ madwar l-Unjoni.";

(12) L-Artikolu 10 jitħassar;

(13) L-Artikolu 12 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 12*

Għall-għanijiet ta' dan it-Titolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "laħam taċ-ċanga" tfisser il-prodotti kollha li jinsabu fil-kodiċijiet tan-NK 0201, 0202, 0206 10 95 u 0206 29 91;
- (2) "tikketjar" tfisser it-twaħħil ta' tikketta fuq biċċa jew biċċiet individwali tal-laħam jew mal-materjal tal-ippakkjar tagħhom, jew, fil-każ ta' prodotti mhux ippakkjati minn qabel, il-forniment ta' tagħrif xieraq f'għamla bil-miktub u viżibbli għall-konsumatur fil-punt tal-bejgħ;
- (3) "organizzazzjoni" tfisser grupp ta' operaturi mill-istess parti jew minn partijiet differenti tal-kummerċ fil-laħam taċ-ċanga;
- (4) "laħam ikkapuljat" tfisser kull laħam bl-għadam li tqatta' fi frammenti u li għandu inqas minn 1 % melħ u li jinsab fil-kodiċijiet tan-NK 0201, 0202, 0206 10 95 u 0206 29 91;
- (5) "fdalijiet tal-laħam" tfisser biċċiet żgħar tal-laħam meqjusa tajba għall-konsum mill-bniedem prodotti esklussivament waqt operazzjonijiet ta' tirqim waqt id-dissussar tal-karkassi u/jew it-tqattigħ tal-laħmijiet;

(6) "laħam imqatta'" tfisser laħam imqatta' f'kubi żgħar, biċċiet jew porzjonijiet oħra individwali, li m'għandhomx bżonn ikompli jitqattgħu minn operatur qabel l-akkwist taġghom mill-konsumatur finali u li jista' jintuża direttament minn dak il-konsumatur. Din id-definizzjoni ma tkoprix il-laħam ikkapuljat u l-fdalijiet tal-laħam.";

(14) L-Artikolu 13 jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 3 u 4 jiħassru.

(b) fil-paragrafu 5, il-frażi introduttorja tal-punt (a) tinbidel b'dan li ġej:

"(a) L-operaturi u l-organizzazzjonijiet għandhom jindikaw ukoll fuq it-tikketti:";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Sabiex tiġi evitata repetizzjoni bla meħtieġ tal-indikazzjoni fuq it-tikketta tal-laħam taċ-ċanda tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi fejn tkun saret it-trobbija, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22b dwar preżentazzjoni ssemplifikata għall-każijiet ta' waqfa qasira ħafna tal-annimal fl-Istat Membru jew fil-pajjiż terz tat-twelid jew tal-qatla.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar id-daqs massimu u l-kompożizzjoni tal-gruppi ta' annimali msemija fil-paragrafi 1 u 2(a), b'kunsiderazzjoni tar-restrizzjonijiet rigward l-omoġenità tal-gruppi ta' annimali minn fejn ġew dawk il-qatgħat u l-fdalijiet tal-laħam. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 23(2).";

(15) Fl-Artikolu 14, ir-raba' paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Sabiex tiżgura l-konformità mar-regoli orizzontali dwar it-tikkettjar f'din it-Taqsima, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 22b biex tistabbilixxi, abbażi tal-esperjenza fir-rigward ta' laħam ikkapuljat, regoli ekwivalenti għal dawk fl-ewwel tliet paragrafi ta' dan l-Artikolu għall-fdal tal-laħam taċ-ċanga jew qatgħat tal-laħam taċ-ċanga.";

(16) L-Artikolu 15 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 15*

*It-tikkettjar obbligatorju tal-laħam taċ-ċanga minn pajjiżi terzi*

B'deroga mill-Artikolu 13, il-laħam taċ-ċanga importat fit-territorju tal-Unjoni li l-informazzjoni kollha dwaru prevista fl-Artikolu 13 mhijiex disponibbli, għandu jiġi ttikkettjat bl-indikazzjoni:

'Oriġini: mhux mill-UE' u 'Maqtul fi (isem tal-pajjiż terzi)'.";

(17) Mit-13 ta' Diċembru 2014:

(a) L-intestatura tat-Taqsima II tat-Titolu II tinbidel bil-kliem "Tikkettjar volontarju";

(b) L-Artikoli 16, 17 u 18 jiħassru; u

(c) L-Artikolu li ġej jiddaħħal fit-Taqsima II tat-Titolu II:

*"Artikolu 15a*

*Regoli ġenerali*

L-informazzjoni dwar l-ikel għajr dik speċifikata fl-Artikoli 13, 14 u 15 li tiżdied mat-tikketti b'mod volontarju mill-operaturi jew mill-organizzazzjonijiet li jikkummerċjalizzaw il-laħam taċ-ċanga, għandha tkun oġġettiva, verifikabbli mill-awtoritajiet rilevanti u tinftiehem mill-konsumaturi.

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mal-leġislazzjoni orizzontali dwar it-tikkettjar u b'mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*.

Fejn l-operaturi jew l-organizzazzjonijiet li jikkummerċjalizzaw il-laħam taċ-ċanga ma jirrispettawx l-obbligi msemmija fl-ewwel u t-tieni paragrafi, l-awtorità kompetenti għandha tapplika l-penalitajiet xierqa kif stabbilit fl-Artikolu 22.

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22b dwar id-definizzjonijiet u r-rekwiżiti applikabbli għat-termini u l-kategoriji tat-termini li jistgħu jitqiegħdu fuq it-tikketti tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella friski u ffriżati ppakkjati minn qabel.

---

\* Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).";

(18) L-Artikoli 19, 20 u 21 jitħassru;

(19) L-Artikolu 22 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 22*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu rispettati.

Il-kontrolli pprovduti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kull kontroll li l-Kummissjoni tista' twettaq bis-saħħa tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95.

Kwalunkwe penali ta' imposta mill-Istat Membru fuq indoktratur, operatur jew organizzazzjoni li tikkummerċjalizza l-laħam taċ-ċanga għandha tkun effettiva, dissważiva u proporzjonata.

Kull sena l-awtorità kompetenti għandha twestaq numru minimu ta' kontrolli uffiċjali fir-rigward tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimali li għandhom ikopru tal-anqas 3 % tal-istabbilimenti.

L-awtorità kompetenti għandha immedjatement iżżid ir-rata minima tal-kontrolli uffiċjali msemmija fit-tieni subparagrafu fejn jiġi stabbilit li ma kienx hemm konformità mad-dispożizzjonijiet fuq l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali.

L-għażla tal-istabbilimenti li għandhom jiġu kkontrollati mill-awtorità kompetenti għandha ssir abbażi ta' analiżi tar-riskju.

Kull Stat Membru għandu jippreżenta rapport annwali lill-Kummissjoni sal-31 ta' Awwissu dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali matul is-sena ta' qabel.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha timponi fuq l-indokatur dawn il-penalitajiet amministrattivi li ġejjin:
  - (a) jekk annimal wieħed jew aktar fi stabbiliment ma jikkonforma ma l-ebda dispożizzjoni stabbilita fit-Titolu I, restrizzjoni fuq il-moviment tal-annimali kollha lejn jew mill-istabbiliment tal-indokatur ikkonċernat;
  - (b) fil-każ ta' annimali li ma jkunux konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni stabbiliti fit-Titolu I, restrizzjoni immedjata fuq il-moviment ta' dawk l-annimali biss, sakemm ikun hemm konformità sħiħa ma' dawk ir-rekwiżiti;

- (c) jekk, fi stabbiliment wieħed, l-ġhadd ta' annimali li ma kkonformax mar-rekwiżiti tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni stabbiliti fit-Titolu I ikun aktar minn 20 %, restrizzjoni immedjata fuq il-moviment ta' dawk l-annimali kollha preżenti f' dak l-istabbiliment; fir-rigward ta' stabbilimenti li ma jkollhomx aktar minn 10 annimali, din il-miżura għandha tapplika jekk aktar minn żewġ annimali ma jiġux identifikati bis-sħiħ skont ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu I;
- (d) jekk l-indokatur ta' annimal ma jistax jipprova l-identifikazzjoni u t-traċċabilità ta' dak l-annimal, fejn ikun xieraq, abbażi ta' valutazzjoni tas-saħħa tal-annimal u r-riskji tas-sikurezza tal-ikel, il-qerda tal-annimal mingħajr kumpens;
- (e) jekk indokatur ma jirrapportax lill-awtorità kompetenti l-moviment ta' annimal lejn u mill-istabbiliment tiegħu skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1), l-awtorità kompetenti għandha tillimita l-moviment tal-annimal lejn u minn dak l-istabbiliment;
- (f) jekk indokatur ma jirrapportax lill-awtorità kompetenti t-twelid jew il-mewt ta' annimal skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1), l-awtorità kompetenti għandha tillimita l-moviment tal-annimal lejn u minn dak l-istabbiliment;
- (g) F'każijiet ta' nuqqas persistenti minn indokatur li jħallas l-imposta msemmija fl-Artikolu 9, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-moviment tal-annimal lejn u minn dak l-istabbiliment;

3. Minkejja l-paragrafu 1, fejn l-operaturi u l-organizzazzjonijiet li jikkummerċjalizzaw il-laħam taċ-ċanga jkunu ttikkettjaw il-laħam taċ-ċanga mingħajr ma kkonformaw mal-obbligi tagħhom stabbiliti fit-Titolu II, l-Istati Membri għandhom, kif xieraq, u skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, jesigū t-tneħħija tal-laħam taċ-ċanga mis-suq. Barra l-penalitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu:
- (a) jekk il-laħam ikkonċernat jikkonforma mar-regoli veterinarji u tal-iġjene rilevanti jawtorizzaw li tali laħam taċ-ċanga:
    - (i) jitqiegħed fis-suq wara li jkun ġie ttikkettjat kif xieraq skont ir-rekwiżiti tal-Unjoni, jew
    - (ii) jintbagħat direttament għall-ipproċessar fi prodotti għajr dawk indikati fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 12;
  - (b) jordnaw is-sospensjoni jew l-irtirar tal-approvazzjoni tal-operaturi u l-organizzazzjonijiet ikkonċernati.
4. Esperti mill-Kummissjoni, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti, għandhom:
- (a) jivverifikaw li l-Istati Membri jkunu konformi mal-ħtiġijiet ta' dan ir-Regolament;
  - (b) jagħmlu kontrolli fuq il-post sabiex jiżguraw illi l-kontrolli jkunu qegħdin jitwettqu skont dan ir-Regolament.

5 Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun twettqet verifika fuq il-post għandu jipprovdi lill-esperti tal-Kummissjoni bl-għajnuna li huma jistgħu jirrikjedu sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom. L-eżitu tal-verifiki mwettqa għandu jiġi diskuss mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat qabel ma r-rapport finali jkun imħejji u ċċirkolat. Dan ir-rapport għandu, fejn ikun xieraq, ikun fih rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri dwar it-tiġib tal-konformità ma' dan ir-Regolament.";

(20) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*"Artikolu 22a*

*Awtoritajiet kompetenti*

L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament u kwalunkwe att adottat mill-Kummissjoni abbażi tiegħu.

Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-identità ta' dawn l-awtoritajiet.

*Artikolu 22b*

*L-eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti ddelegati hija kkonferita lill-Kummissjoni, soġġetta għall-kundizzjonijiet taħt dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemija fl-Artikoli 4(1), 4(3), 4(5), 4a(2), 5, 6(2), 7(1), 7(2), 7(6), 13(6), 14(4) u 15a hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ...<sup>+</sup>. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikoli 4(1), 4(3), 4(5), 4a(2), 5, 6(2), 7(1), 7(2), 7(6), 13(6), 14(4) u 15a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iżjed tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament (ir-Regolament ta' emenda).

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(1), 4(3), 4(5), 4a(2), 5, 6(2), 7(1), 7(2), 7(6), 13(6), 14(4) u 15a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(21) L-Artikolu 23 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 23*

*Proċedura tal-Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita għall-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikoli 4(3), 4(5), 5 u 13(6) mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali mwaqqaf bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*.

Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn l-opinjoni tal-Kumitat tkun trid tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm minghajn riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-Kumitat jiddeċiedi hekk jew meta l-maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Kumitat tiddeċiedi hekk."

- 
- \* Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).
- \*\* Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar mekkaniżmi ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";

(22) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 23a*

*Rapport u żviluppi legiſlattivi*

Mhux aktar tard minn:

- ...<sup>+</sup> għad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettjar volontarju, u
- ...<sup>++</sup> għad-dispożizzjonijiet dwar l-identifikazzjoni elettronika,

il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-rapporti korrispondenti li jitrattaw l-implimentazzjoni u l-impatt ta' dan ir-Regolament inkluż, fl-ewwel każ, il-possibilità ta' rieżami tad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettjar volontarju, u, fit-tieni każ, il-fattibilità teknika u ekonomika tal-introduzzjoni tal-identifikazzjoni elettronika mandatorja fl-Unjoni kollha.

Dawk ir-rapporti għandhom, jekk ikun neċessarju, ikunu akkumpanjati minn proposti legiſlattivi xierqa.";

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: disa' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(23) Jiddaħħal l-Anness li ġej:

'ANNESS -I

MEZZI TA' IDENTIFIKAZZJONI

A) TIKKETTA MAL-WIDNEJN KONVENZJONALI

B'EFFETT MINN ...<sup>+</sup>:

B) IDENTIFIKATUR ELETTRONIKU FIL-FORMA TA' TIKKETTA MAL-WIDNEJN KONVENZJONALI

C) IDENTIFIKATUR ELETTRONIKU FIL-FORMA TA' KAPSOLA RUMINALI

D) IDENTIFIKATUR ELETTRONIKU FIL-FORMA TA' TRANSPONDER INJETTABBLI'.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament (ir-Regolament ta' emenda).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---